**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 118**

It-Tnejn, 8 ta' Mejju 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.02 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg u l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli l-Onor. Roderick Galdes, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Graziella Galea u l-Onor. Joe Giglio kienu skużati.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 117 li saret fit-3 ta' Mejju kienu kkonfermati.

**KUNSENS GĦALL-ATTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-Aġent President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

- **Att Nru XIV -** Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1711 Tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 21 magħmula lis-Sedja mill-Onor. Jerome Caruana Cilia dwar mistoqsijiet parlamentari magħmula u mwieġba;

P.L. 1712 Tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 22 magħmula lis-Sedja mill-Onor. Chris Said dwar laqgħat tal-kumitati parlamentari;

P.L. 1713 Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet "Maria Stella Mifsud vs Avukat tal-Istat et" (Rikors numru 315/21TA), mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 2 ta' Mejju 2023;

P.L. 1714 Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet "Alfred Williams et vs Avukat tal-Istat et" (Rikors numru 468/21TA), mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 2 ta' Mejju 2023; u

P.L. 1715 Rapport Annwali tal-Attività tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għas-Sena 2022.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 7867 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1716 Tabella li turi n-numru ta' impjegati ġodda fid-dekasteru tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru minn Marzu 2022, maqsuma lokalità lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8352;

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1717 *Accessibility Audit Report* mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità datata 20 ta' Ottubru 2022 bir-referenza PA/03215/20 – 01, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8495;

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1718 Avviż Legali Nru 104 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà fil-Portijiet;

f'isem il-Ministru għal Għawdex qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1719 Tabella li turi n-numru ta' ħaddiema, maqsuma bejn irġiel u nisa, li kienu jaħdmu fid-direttorati u diviżjonijiet fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għal Għawdex f'Marzu 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8290;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1720 Rapporti Annwali tal-Bord ta' Monitoraġġ għal Persuni Detenuti għas-snin 2021 u 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8372;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1721 Erba' pjanti li juru l-proġett tar-rotta tal-main tal-ilma bejn il-ġibjun fin-Naxxar u r-roundabout tas-Salini, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8358;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1722 Tabella li turi n-numru ta' studenti Maltin u mhux Maltin maqsuma f'kull Kulleġġ f'Malta u Għawdex, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8355; u

f'isem il-Ministru għall-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1723 Tabella li turi n-numru ta' sodod fid-dar tal-anzjani tal-privat, tal-Knisja, tal-Istat, u mmaniġjati mill-privat flimkien mal-Istat, maqsuma lokalità lokalità għas-snin 2020, 2021 u 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8453; u

P.L. 1724 Rapport Annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali (SCSA) għas-sena 2022.

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1725 Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 7919 li ngħatat fis-seduta 117 tat-3 ta' Mejju 2023 dwar direct orders li ħarġet l-Awtorità tal-Artijiet fis-sena 2022.

**MOZZJONIJIET**

**139. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent.

L-Onor. Omar Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta" inqara l-ewwel darba.

**136. ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET GĦAS-SENA 2023**

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, ippropona**:**

Illi l-Kamra tapprova l-estimi ta' dħul u nfiq tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 skont l-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet, Kap. 563.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, l-Onor. Chris Bonett, issekonda.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li d-diskussjoni fuq din il-mozzjoni kellha tieħu seduta waħda bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-introduzzjoni u l-għeluq mill-Gvern.

Fis-6.06 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta għal ftit mumenti sakemm il-President tal-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt jirrapporta dwar ħidma tal-Kumitat.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Onor. Carmelo Abela, President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt, irrapporta li Abbozz Nru 37 - Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikultura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali għadda mill-istadju ta' Kumitat, b'emenda u l-Abbozz Nru 52 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, għadda mill-istadju ta' Kumitat mingħajr emendi.

**136. ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET GĦAS-SENA 2023 (KONTINWAZZJONI)**

Il-Kamra rriżumiet minn ftit tal-mumenti qabel id-diskussjoni fuq l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena 2023.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Silvio Schembri, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Anton Refalo, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Alex Muscat u l-Onor. Albert Buttigieg.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Albert Buttigieg, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1726 Tliet ritratti fil-kampanja li juru passaġġi pubbliċi, inkluż wieħed li kien irranġat minn fondi pubbliċi, u li issa fihom tabelli li jindikaw li huma privati.

Meta l-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet , intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed f'seduta li tiġi stabbilita skont il-mozzjoni ta' proċedura numru 87.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.03 p.m. il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 9 ta' Mejju 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda.

**Mozzjonijiet**

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jirregola n-Navigazzjoni fl-Ajru

Estimi ta' dħul u nfiq tal-Awtorità dwar il-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena 2023

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 20) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Abbozz 3) | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi dwar it-Twaqqif ta’ Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta’ Miżuri għall-Ħarsien ta’ Ġurnalisti, Persuni oħra b’irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 47) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar l-Agrikoltura | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Abbozz 51) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Logħob | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar Emendi u Tħassir ta’ Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Tielet Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku | Tielet Qari |
| Estimi ta’ Jobsplus għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Chris Agius.

Fis-7.28 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 9 ta' Mejju 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**